KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 15

Il-Ħmistax is-seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 29 t'April 2025 fis-6pm ġewwa The Victoria Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Ryan Borg | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjal Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:20pm:*

**15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 13 u 14;**

**15.3 Preżentazzjoni minn CleanMalta dwar kuntratt ġdid tat-tindif tal-lokalita'**

**15.4 Preżentazzjoni tal-Proġett ta' Triq Zimmerman Barbaro**

**15.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**15.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

**15.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;**

**15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

**15.9 Mozzjonijiet;**

**15.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmissa**

## 15.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**15.1.1** Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier R Borg

## 15.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 13

**15.2.1** Is-Seg. Eżek. qara' xi korrezzjonijiet li rċieva mingħand il-kunsillier J Dougall għal minuta 13.4.3:

- *Il-Kunsilliera J Higgans qalet li mportanti li mbagħad jitneħħew l-iskips mill-operaturi ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel, però jekk ma jitneħħewx il-KL ma jista' jagħmel xejn bħala nfurzar.*

Dan irid jitniżżel hekk kif ġej:

- *Il-Kunsillier J Dougall qal li jekk ma jitneħħewx l-iskips, il-KL irid jara li jsir nfurzar mill-awtoritajiet konċernati.*

15.2.2 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 13 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti. *Approvazzjoni Minuti*

Il-kunsillier E Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier Z Zammit.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

## 15.3 PREŻENTAZZJONI MINN CLEANMALTA DWAR KUNTRATT ĠDID TAT-TINDIF TAL-LOKALITA'

15.3.1 Is-Sindku introduċja lis-Sur Hall mill-CleanMalta sabiex jispjega kif CM se joffri servizz ta' tindif madwar il-lokalita'.

15.3.2 Il-Viċi Sindku qal li kemm hu u s-Sindku kellhom laqgħa mas-Seg. Parl. Glenn Bedingfield u s-Sur Ramon Deguara sabiex dwar il-pjan ta' kif ser jiġi implimentant it-tindif f'tas-Sliema.

15.3.3 Is-Sur Hall tagħ spjegazzjoni dettaljata ta' kif ser tinħadem din is-sistema, fosthom, kemm ser ikun hemm ħaddiema allokati ta' kuljum, x'magni tat-tindif se jintużaw u kif ukoll li se nkun hemm sistema ta' ġbir ta' skart *extra* sabiex jinġabru dawk il-boroz li jkunu tbgħattlu mill-kontenituri ta' l-iskart madwar tas-Sliema.

15.3.4 Il-Viċi Sindku qal li l-kunsill għandu jara li l-kundizzjonijiet li jagħmlu parti mit-tender li kien ħareġ il-KL ikunu fil-ftehim li irid jiġi approvat mill-KL.
Stqarr ukoll li jkun għaqli li l-ftehim jintbagħat għand l-avukati sabiex isir abbozz.

15.3.5 Il-kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss ser jiġi diskuss dan il-ftehim u tittieħed deċiżjoni finali.

15.3.6 Wara din id-diskussjoni ġie deċiż li t-tender tal-knis li kien diġà ġie ppublikat mill-KL jiġi mwaqqaf.

**15.4 PREŻENTAZZJONI TAL-PROĠETT TA' TRIQ ZIMMERMAN BARBARO**

**15.4.1** Saret preżentazzjoni ta' proġett ta' riġenerazzjoni ta' Triq Zimmerman Barbaro mill-kuntrattur Gerada lil kunsillieri preżenti.

**15.4.2** Wara l-preżentazzjoni is-Sindku staqsa lil kunsillieri preżenti jekk jaqblux ma dan il-proġett u jekk il-KL ikun jista' jassisti fl-applikazzjoni mal-PA.

**Kunsillieri li vvutaw favur:**
Sindku, W Baldacchino, J Aqulina, Z Zammit, J Dougall, V. Galea Pace, E Borg, K Wain, D Muscat.

**Astensjonijiet:**
Viċi Sindku, J Higgans u D Soler.

**15.5 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**15.5.1 Tneħħija ta' l-iskips f'postijiet pubbliċi:**

- Is-Sindku spjega kif wara li twaħħlu avviżi mill-KL u mil-pulizija mal-*iskips* kollha li qed jokkupaw spazju pubbliku, bdew jitneħħew numru sew ta' *skips* mill-operaturi konċernati.

- Kompla jgħid li dawk l-*iskips* li mhux ser jitneħħew mill-operaturi, ser jitneħħew mill-awtoritajiet ta' l-infurzar u jiġu ikkonfiskati.

- Il-kunsillier J Dougall staqsa jekk l-*iskips* ser jitilqu kollha jew le?
  Is-Sindku wieġeb li l-*iskips* li qed jokkupaw post pubbliku, iva ser jitneħħew kollha.

**15.5.2 Ticket booths:**

- Is-Sindku qal li wara l-laqgħa li kienet saret l-OPM, kellu isir *survey* mit-TM, u dan sar, u din il-ġimgħa stess kien ser isir *onsite meeting.* Ser jingħata iktar informazzjoni wara li issir din il-laqgħa.

- Is-Sindku kompla jgħid li jekk il-KL jgħid li ser jagħmel xi ħaġa, din issir fil-konkret għal ġid tal-lokalita' u r-residenti kollha

**15.5.3 Xogħol ta' l-Enemalta:**

- Is-Sindku irringrazzja lill-IM u l-kuntratturi li ħadmu f'ħafna toroq u qal li bis-saħħa tal-KL sar tarmac ġo triq Rudolfu. Kompla jispjega li ser jitkompla xogħol ta' asfaltar f'toroq oħra li nqalgħu.

**15.5.4 Possibilment t'għeluq tal-librerija tal-kunsill:**

- Is-Sindku qal li tkellem mad-direttur ta' l-iskola tal-Gvern ġo trqi Blanche Huber, fejn informatu li peress li fl-iskola se isir rinnovazzjoni u tkabbir ta'klassijiet u żoni oħra, allura l-librerija fejn tinsab bħalissa ikollha tmur f'post ieħor. Se issir laqgħa bejn il-partijiet konċernati sabiex tinsab l-aħjar soluzzjoni.

- Il-kunsillier K Wain qal li hemm bżonn li l-librerija tal-KL għandha bżonn tiġi aġġornata b'numru ta' e-books u il-kotba kollha jiġu kategorizzati kif suppost.

- Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-librarija tista' tinfetaħ fil-post antk li kien jokkupa s-social services ġewwa Triq Dingli. Ġie nnutat li dak il-bini huwa ikkundannat.

**IS-SINDKU TALAB GĦAS-SOSPENZJONI TAL-LAQGĦA**

## 15.6 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

**15.6.1** Il-Viċi Sindku staqsa rigward l-eliminazzjoni tal-ħamiem u meta ser jibda din il-proċedura.

Il-Viċi Sindku staqsa, bħala suġġeriment, jekk il-KL jista' jgħaddi *bye-law* biex ma jibqgħux jinfetħu l-boroż taż-żibel

Il-kunsilliera J Higgans qalet li tara ħafna nies li jiftħu l-boroż pero' dawn dejjem jerġgħu jingħalqu.

Il-Viċi Sindku ikkonkluda billi staqsa lill-kunsillieri preżenti jekk jaqblux li fiż-żmien li ġej issir diskussjoni biex tinħadem *bye-law* apposta.

**Kien hemm qbil mill-kunsillieri preżenti**.

**15.6.2** Il-kunsillier W Baldacchino qal li xtaq iressaq xi punti f'isem il-kunsillier R Borg li ma setgħax ikun preżenti għal raġunijiet ta' mard:

- CCS qal li ser iressaq mozzjoni fil-laqgħa li jmiss

- Is-sotto kumitat iltaqa' u saru aktar diskussjonijiet dwar aġġornamenti dwar il-*bye-law* tal-*Airbnbs*

- Triq San Karlo, rigward stennija mit-TM dwar deċiżjoni li jinbidel in-naħa tal-parkeġġ tal-karozzi

- Fondi ta' l-UE; staqsa lill-kunsillieri preżenti jekk jaqblux li jiġi mħallas miżata ta' sħubija ta' 4,000 ewro (discounted minn 5,000 ewro) għal proġetti ta' sports, urban planning u good practices.
  **Kien hemm qbil mill-kunsillieri preżenti**

**15.6.3** Il-kunsilliera J Higgans staqsiet li hemm kaxxa ta-servizzi tal-Melita li qed tagħmel ħoss qawwi f'Triq il-Karmnu. Qalet jekk il-KL jista' jinforma din il-kumpanija sabiex jaraw x'jista' jsir.

**15.6.4** Il-kunsillier D Muscat ta' aġġornament dwar l-attività Sqaqien, fejn irringrazzja lis-segretarju eżekuttiv li sab għajnuna kbira mingħandu sabiex issir l-applikazzjoni.

Spjega li l-preparazzjonijiet għaddejjin ġmielhom u tagħh spjegazzjoni tal-programm kollu ta' din l-attività.

**15.6.5** Il-kunsillier Z Zammit irrakkomanda li t-telefon booth antika li hemm fejn it-tlett siġriet, titranġa u issir f'librerija fejn residenti u turisti jkunu jistgħu jpoġġu u jsellfu kotba b'xejn.

- Kompla jgħid, jekk il-KL jista' iġib prezzijiet sabiex isiru *stencil spray painting* f'numru ta' toroq madwar il-lokalita' biex ifakkru s-sidien tal-klieb biex jiġbru l-ħmieġ warajhom.

- Z Zammit staqsa rigward l-iżbir tas-siġar tat-Tamaresk u jekk saret l-applikazzjoni mal-ERA.
  Is-Seg. Eżek. ikkonferma li dan sar mill-kuntrattur tal-KL.

- Z Zammit staqsa jekk din is-sena l-KL ser jagħmel fustuni madwar il-promenade mingħand l-għaqdiet ta' l-armar ta' diversi parroċċi.

Is-Seg. Eżek. spjega li hemm diskussjonijiet għaddejjin ma l-MTA ħabba il-lampi ġodda li twaħħlu u għadhom qed jitwaħħlu mix-Xatt ta' tas-Sliema sal-konfini ma San Ġiljan. Il-fanali tax-Xatt żgur, l-MTA mhux ser iħallu l-ebda fustun jitwaħħal magħhom.

Il-Viċi Sindku issuġġerixxa illi jista' jsir prezz bil-metru u l-għaqdiet ta' l-armar jarmaw mill-konfini tal-Balluta sa Għar id-dud bejniethom.

**15.6.6** Il-kunsillier J Dougall staqsa kemm baqa' x'isir mill-bankijiet ġewwa Triq Bisazza. Staqsa ukoll jekk ser isirux il-pjanti fil-qsari fejn hemm is-siġar. Qal ukoll li l-grouting ta' l-art ta' l-istess triq qed jinqala.

Is-Sindku qal li saru ħames bankijiet u minn ħdax u l-kumplament ser jitwaħħlu dalwaqt.

Is-Seg. Eżek. staqsa jekk il-kunsillieri preżenti jixtiequ jkomplu l-laqgħa peress li għaddew it-tlett siegħat ta' diskussjoni permissibbli mill-liġi. **Kien hemm qbil li titkompla l-laqgħa**

**15.6.7** Is-Seg. Eżek. staqsa lil kunsillieri preżenti jekk hemm qbil li l-KL jimpjega tlett minn nies oħra fuq bażi full time mal-KL.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 15.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;

**N/A**

## 15.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

**15.8.1** Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-kunsillier W Baldacchino ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-kunsilliera J Higgans issekondat.

## 15.9 MOZZJONIJIET

**15.9.1** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 15.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**15.10.1** Is-seduta ntemmet fid-9:45pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 28 t'April 2025 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **29 t'April 2025**

**John Pillow**
**Sindku**

**Pierre P Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**